MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 95/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**PATRICK SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Patrick Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 271460M.

**Akkuzat talli:**

F'Dicembru 2011 u fix-xhur u s-snin ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijit tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe` circa erba` t'elef mitejn tlieta u tletin ewro (€4,233) ghad-detriment ta` Emanuel Tabone detentur tal-Karta tal-Identita` numru 528365M.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` is-somma ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe` circa erba` t'elef mitejn tlieta u tletin ewro (€4,233) ghad-detriment ta` Emanuel Tabone detentur tal-Karta tal-Identita` numru 528365M.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar ammont rikonoxxut dovut lill-kwerelant mill-imputat rapprezentanti kupuni ta` garr ta` studenti fis-sajf. L-ammont in kwistjoni jidher illi huwa erba` t'elef mitejn tlieta u tletin ewro (€4,233) wara li kienu saru, mill-imputat, xi pagamenti zghar ta` ammont dovut ikbar.

Illi l-avukat tal-imputat ma jichadx illi dana l-ammont jew xi ammont iehor huwa dovut mill-imputat lill-kwerelant u jtenni li, civilment, dana l-ammont jew xi ammont iehor huwa dovut. Izda Dr. Gatt qieghed jinalza l-oggezzjoni legittima li mhux kull debitu dovut huwa, necessarjament, serq jew frodi stante li f'kazijiet bhal dawn, l-element rikjest intenzjonali sabiex jigi stabilit ir-reat huwa element necessarju. Id-difiza ssostni li f'dan il-kaz, ma kienx hemm element intenzjonali ta` serq jew frodi izda li s-sitwazzjoni tal-imputat, specjalment dik finanzjarja kienet appesantita bi storja ta` uzura eccessiva li rendiet lill-imputat inkapaci li jonora l-obbligazzjonijiet tieghu lejn terzi u ghalhekk irendilu inadempjenti milli jhallas dak kollu minnu dovut lill-terzu.

Ill d-difiza wkoll issostni li minn mindu gholew l-ispejjez sabiex tigi intavolata kawza civili, l-**Economic Crime Squad** giet inondata minn kwereli fejn il-parte civile, ghall-hlas ta` hamsin ewro (€50) dritt ghall-avukat tiffalja kwerela mal-Pulizija sabiex tirrikovera dak illi huwa lilu dovut minghajr rigward ghall-fatt jekk l-imputat verament kellux l-intenzjoni li jisraq jew jiffroda.

Illi waqt illi dan l-argument tad-difiza huwa minnu, wiehed ma jistax jiggeneralizza u kull incident ghandu jigi ezaminat individwalment.

Illi f'dana l-kaz, mhux biss jirrizulta li l-ammont huwa dovut u dan mit-trattazzjoni tad-difiza izda anke, jekk wiehed jezamina z-zewg stqarrijiet tal-imputat *ab initio* ta` dina l-kawza, jirrizulta ammissjoni inkondizzjonali tal-imputat ghall-fatt illi huwa kellu jghati dan l-ammont lill-parte civile u qieghed jippermetti li jhallashom lura. Dana kien f'Lulju 2009 u Jannar 2012, u l-uniku pagament li sar f'dawn is-sentejn kien biss ta` mitejn u tlieta u tletin ewro (€233)! Ukoll, ebda menzjoni ma ssir mill-imputat ghall-problema ta` usura li jaccessa ghaliha l-avukat tad-difiza anke bhala skuzanti, min-naha tal-imputat illi ma kienx jaf jaffordja jhallas.

Illi, *per di piu`*, wiehed jaghmel sew illi jara x-xhieda ta` Constantin Mifsud illi kien jissupulixxi x-xoghol ta` *student transfers* lill-imputat illi, l-imputat, minn jeddu u mhux ghaliex ittermina r-relazzjoni ta` xoghol l-istess Mifsud, waqaf milli jaghmel dan ix-xoghol. Jigifieri li kien Patrick stess illi waqaf milli jaghmel dan ix-xoghol u mhux Mifsud illi tterminahhulu!

Illi l-ebda menzjoni tal-problema ta` uzura u l-fatt illi l-imputat minghajr spjegazzjoni adegwata waqaf minn kuntratt ta` student transfers lukrattiv bizzejjed sabiex, b'xi misura, huwa jkollu bizzejjed sabiex, *man man* ihallas lil Tabone u wara wkoll illi jittiehed in konsiderazzjoni t-tul ta`

zmien fejn sallum, mill-2009, l-imputat hallas lura biss l-ammont ta` mitejn u tlieta u tletin ewro (€233), juri lid an ma kienx semplici dejn izda kien tentattiv da parti tal-imputat illi dana d-dejn jibqa mhux imhallas ghall-gwadann illegali tieghu.

Illi, ghalhekk, l-argumenti tad-difiza ma jreggux f'dan il-kaz stante li jirrizulta ampjament illi l-imputat qatt ma kellu intenzjoni li jrodd lura dak li kien dovut.

Illi wiehed ghandu wkoll jaghti harsa lejn il-fedina penali tal-imputat u jinnota li, fil-passat, huwa kellu 3 kazi simili. Din ma kienetx l-ewwel darba.
Illi, ghal dawn il-motivi, qiedgha ssib lill-imputat hati kif akkuzat u waqt illi temmen illi, dina d-darba, ma hijiex tal-fehma li l-piena karcerarja effettiva tista` tkun ta` detriment ghall-imputat minhabba l-problemi li jinsab fihom u anke minhabba l-eta` mhux govanili tieghu. Temmen illi l-imputat ghandu jitghallem, darba ghal dejjem, illi l-obbligazzjonijiet tieghu versu terzi ghandhom dejjem jigu rispettati.

Ghaldaqstant dina l-Qorti tikkundanna lill-istess imputat ghal tnax (12) il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) kif ukoll li jhallas is-somma hekk likwidata ta` erbat elef ewro (€4,000) fi zmien sitt (6) xhur mil-llum lill-*parte civile* ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------